MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 731/2000/1

**Michael Baldacchino**

**vs**

**1. Direttur tar-Registru Pubbliku;**

**2. Miriam Vella;**

**3. Harold Vella**

**4. u b'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Frar 2001 gew nominati Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Josef Vella.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi l-konvenuta Miriam Vella mizzewga lill-konvenut l-iehor Harold Vella kellha tarbija bl-isem ta’ Josef fis-17 ta’ Marzu 2000 kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok. “A” li jgib in-numru 1080/2000.

Illi *nonostante* li t-tarbija twieldet fiz-zwieg u giet registrata bil-kunjom Vella fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata sal-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid, il-missier kien fl-impossibbilta` fizika li jghix ma’ l-attrici li kienet qed tghix ma’ l-attur, dan ai fini ta’ l-**artikolu 77 tal-Kodici Civili**.

Illi in effetti t-tarbija huwa iben naturali ta’ l-attur.

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara illi ai finijiet u effetti kollha tal-ligi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Josef Vella.

(2) Tordna l-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jamenda l-att tat-twelid ta’ Josef Vella billi:-

i) fejn jidher isem missier it-tarbija dan ghandu jigi sostitwit u mbiddel f’”Michael Baldacchino”,

ii) fejn hemm imnizzel il-post tat-twelid ta’ missier it-tarbija dan ghandu jigi sostitwit u mbiddel f’”Pieta`” u

iii) fejn hemm imnizzel id-dettalji tan-nannu patern tat-tarbija, minflok il-kliem “Joseph Vella (dead)” jitnizzlu l-kliem “Alfred Baldacchino (haj).”

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti (a fol. 5);

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku (a fol. 10) fejn gie eccepit:-

1. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tenhtieg il-prova ta' l-impossibilita` fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi Miriam u Harold Vella fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tal-minuri Josef li dwaru qed issir il-kawza odjerna;

3. Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, ghandhom jigu specifikati dettalji personali ohra ta' l-attur li huwa qed titlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid tal-minuri msemmi u cjoe` l-eta` ta' l-istess attur, in-numru tal-karta ta' l-identita` tieghu, kif ukoll il-post tar-residenza tieghu, *oltre* l-fatt li ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm;

4. Illi *in vista* tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2001;

Rat in-nota ta' l-attur tas-7 ta' Mejju 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess u dak ta' Miriam Vella;

Rat li ghalkemm il-konvenut l-iehor, Harold Vella, kien notifikat bl-affidavits ta' l-attur, huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;
Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (a fol. 25) tal-25 ta' Frar 2002 fejn permezz taghha rrizerva d-dritt ghall-kontro-ezami tax-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti nnutat li hija sprovvista mill-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-15 ta' Novembru 2002 fejn gie eccepit:-

(1) Illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'il quddiem.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Ottubru 2003; tal-15 ta' Ottubru 2003; tad-9 ta' Jannar 2003; u ta' l-20 ta' Frar 2003;

Rat in-noti tal-konvenuti Miriam Vella u Harold Vella, tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha taghti ruhhha b'notifikata bic-citazzjoni attrici, bl-avviz tas-smigh u bl-affidavits ta' l-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 2003; u tas-27 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' l-attur tas-16 ta' Settembru 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina;

Rat id-digriet tat-18 ta' Settembru 2003;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-3 ta' Ottubru 2003 fejn ma oggezzjonax ghat-talba mitluba fir-rikors;

Rat id-digriet tat-8 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**attur,** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jien ltqajt ma' Miriam Vella fil-bidu ta' l-1996. Hija kienet mizzewga lil Harold Vella pero` kienet ilha ma tghix mieghu. Sirna hbieb u bdiet relazzjoni intima bejnietna.*

*Wara xi xhur, jigifieri f'Dicembru 1996, Miriam Vella saret taf illi hija tqila. Fil-fatt fil-21 ta' Awissu 1997 twieldet tifla bl-isem ta' Michelle. Ta' din it-tifla kont jien il-missier u fil-fatt kont ipprezentajt kawza biex nigi dikjarat missierha, liema kawza kienet giet deciza favorevolement fil-21 ta' April 1999. Qieghed nesebixxi kopja tas-sentenza (Dok. "DZ").*
*Illi minn dak iz-zmien 'l hawn jien bqajt f'relazzjoni ma' Miriam u kien ikollna relazzjonijiet intimi regolarment u f'Lulju 1999 Miriam indunat illi kienet tqila. Fil-fatt fis-17 ta' Marzu 2000 twieled tifel li semmejnih Josef. Jien cert illi jien missier dan it-tifel peress illi naf li Miriam kien ikollha relazzjonijiet intimi mieghi biss. Mort l-insinwa u qalli illi peress illi Miriam m'hijiex separata legalment minn mar-ragel ma setghux jirregistraw it-tifel bhala t-tifel tieghi.*
*Illi jien ghalhekk ipprezentajt din il-kawza."*
Illi l-**konvenuta, Miriam Vella**, fl-affidavit taghha tghid:-
*"Illi jien kont izzewwigt lil Harold Vella fl-10 ta' Gunju 1983. Minhabba inkwiet li kellna bejnietna jien ma stajtx iktar nghix mieghu. L-inkwiet kien ilu snin twal. Fl-ahhar, fl-14 ta' Frar 1996, jiena tlaqt mid-dar. Mort noqghod iz-Zurrieq f'dar wahdi. L-indirizz kien "Kino", Vince Dimech Street, Zurrieq.*
*Illi fl-istess zmien jien kont iltqajt ma' Michael Baldacchino u bdiet relazzjoni intima bejnietna. B'rizultat ta' dan twieldet Michelle fil-21 ta' Awissu 1997. Din sussegwentement giet dikjarata wild naturali ta' Michael Baldacchino b'sentenza tal-21 ta' April 1999. Illum din ghandha kunjomha Baldacchino.*
*Illi jien u Michael Baldacchino komplejna fir-relazzjoni taghna u f'Lulju 1999 indunajt illi kont tqila. Fil-fatt fis-17 ta' Marzu 2000 twieled tifel li semmejnih Josef.*
*Illi meta morna nirregistrawh l-insinwa ma ridux jirregistrawh bhala wild ta' Michael Baldacchino peress illi jien qatt ma gibt is-separazzjoni legali minn mar-ragel.*
*Illi Josef pero` huwa zgur it-tifel ta' Michael Baldacchino peress illi r-relazzjoni ta' bejnietna ma waqfet qatt mill-1996 sa llum u fil-frattemp jien qatt ma kelli relazzjonijiet ma' rgiel ohra."*

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-azzjoni attrici hija bbazzata fuq l-**artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u certament li *ai termini* ta’ l-istess artikolu, l-kliem “*Il-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu nteress”,* basta li jigu ppruvati u sodisfatti l-kriterji stabbiliti fl-istess artikolu, jinkludu wkoll il-missier kif proprio qed isir f’din il-kawza.

Illi dan ukoll johrog mid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 81 tal-Kap 16** li jipprovdi fis-subartikolu (1) li:- *“Hadd ma jista’ jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att ta’ twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta’ stat li jaqbel ma dan l-att”* u fis-subartikolu (2) li:- *“Hekk ukoll, hadd ma jista’ jattakka l-istat ta’ iben legittimu ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel ma’ l-att ta’ twelid tieghu”.*
Illi dan ifisser illi skond il-provvedimenti ta’ l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** jekk ikun hemm *“nuqqas ta’ att ta’ twelid **jew** tal-pussess ta’ stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tfel ikun gie registrat taht isem falz, … … … il-prova tal-filjazzjoni tista’ ssir b’xhieda ohra li tista tingieb skond il-ligi”.*

Illi tali prova kontrarja ghal tali stat ta’ legitimita’ tista’ tingieb *ai termini* ta’ l-**artikolu 83** b’xhieda *“li turi min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi huwa jghid li hija ommu, inkella, meta hija ppruvata l-maternita’, **illi mhux bin zewg ommu”.***

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta u l-konvenut Harold Vella, ma kellhomx x’jaqsmu iktar flimkien minn Frar 1996, u allura l-istess iben qatt ma seta` kien wild l-istess Harold Vella, mentri l-provi juru li l-istess attur diga` kellu tarbija ohra mill-istess relazzjoni ma’ l-istess konvenuta, tant li gie dikjarat bhala l-missier naturali ta’ din it-tarbija b’sentenza tal-Qorti.

Illi tul dan iz-zmien kollu l-attur dejjem agixxa bhala l-missier ta’ l-istess tarbija, li dejjem irrikonoxxa r-rwol ta’ missier l-istess tarbija, kemm waqt it-tqala u kemm wara sa llum. Huwa mar biex jirregistra lil-minuri Josef, bhala ibnu, u ma kienx jiddependi minnu li dan ma giex registrat

bhala tali. Huwa ghadu jghix mal-konvenuta Miriam Vella sa llum.
Illi apparti dan hemm id-dikjarazzjoni ta’ l-istess omm, li ghalkemm wahedha ma hijiex bizzejjed *ai termini* ta’ l-**artikolu 70 (2) tal-Kap 12,** xorta ghandha mportanza massima f’dawn il-materji, specjalment meta hija kkoroborata minn xhieda ohra, bhal ta’ zewgha, u tal-missier reali ta’ l-istess minuri, u dan ghandhu jwassal ghall-konkluzzjoni li l-prova permezz ta’ xhieda tkun ukoll saret f’dan is-sens. (**“George Grech vs Nazzareno Grech”.** N.A. 30 ta’ April 1998- Citaz. Numru. 2011/96 u **“Noelle Spiteri et vs Ernest Cilia et”** tat-30 ta’ Jannar 1998 - Citaz. Nru. 979/97/NA; u **“Mario Attard Flores vs Theresa Attard Flores et”** - RCP 2 ta’ Dicembru 1998- Citaz. Numru. 2488/97/RCP.)

Illi dwar l-interpretazzjoni ta’ l-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta’ *“impossibilita’ fizika”* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **“Ronald Bray vs Charmaine Bray et”** (N.A. 19 ta’ Novembru 1997) fejn inghad li *“l-impossibilita’ fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b’xi mod il-koncepiment tat-tarbija”.* (**“Noelle Spiteri vs Ernest Cilia”**).

Illi dawn il-principji gew lkoll applikati fil-kawzi fl-ismijiet **“Malika Cachia Ejjebili et nomine vs Ahmed Kamel El Din et”** (Citaz. Nru. 1450/98/RCP- 26 ta’ Jannar 2000) u **“Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et”** (Citaz. Numru 1839/97/RCP- 18 ta’ Jannar 2000) fejn inghad illi:-

*“Illi f’dan l-isfond wiehed jirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **“Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku” (F.G.C. 10 ta’ Mejju 1996)** fejn inghad illi l-attur “ghandhu nteress li jattakka l-legitimita’ tat-tifla minuri” u dan jekk jipprova dak li hemm indikat fl-**artikolu 77 tal-Kap 16.** Illi l-principju “pater is est quem justae nuptiae demonstrat” huwa rikonnoxut mill-ligi taghna permezz ta’ l-**artikolu 67** li jghid illi “l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu” pero` “madankollu wiehed ma jistax ma jikkonsidrax li, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar qeghda taqbad l-eghruq il-fehma li r-realtajiet bijologici u socjali jipprevalu fuq il-presunzjoni legali li*

*‘pater est quem justae nuptiae demonstrant”. Illi dan gie rikonnoxxut anke bis-sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta’ Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **“Kroon vs The Netherlands”** fejn gie rikonoxxut legalment l-esistenza ta’ “family ties” anke bejn persuni li ma humiex mizzewgin, u ghalhekk il-frott ta’ l-istess, ghandhu jigi rikonoxxut bhala tali, ghaliex jirrispekja il-verita’ attwali f’din il-kawza. Certament li dan kollu ma jsib l-ebda ostakolu bl-**artikolu 81”**.*

Illi l-pozizzjoni giet imfissra cara ukoll fil-kawza fl-ismijiet **“Paul Bugeja vs George Portelli” (A.C. 28 ta’ Frar 1997)** fejn il-Qorti kienet qed titratta kawza differenti minn dik odjerna, imma li stabbiliet bl-iktar mod car li l-*“Il-Kodici Civili taghna tikontempla tlett xorta ta’ azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali; dik ta’ denagata paternita’, dik ta’ impunjazzjoni tal-legittimita’ tat-tifel u dik tat-tfittxija ta’ paternita’ …. L-ahhar azzjoni hija biss moghtija lit-tifel, ………it-tieni azzjoni hija disponibbli ghall-kull min ghandu interess - allura kemm lill-terzi persuni kif ukoll lill omm u lill-istess tifel”* u wkoll lill-allegat missier ta’ l-istess tarbija. (**“Maruska Curmi proprio et nomine vs Charles Difesa”**- G.C. 31 ta’ Ottubru 1997) u (**“John Scicluna vs Sharon mart James Buhagiar”** (G.V. 7.11.1995).

Illi f’dan il-kaz hemm id-dikjarazzjoni kategorika tal-konvenuta Miriam Vella li minn Frar 1996 qatt ma kellha x’taqsam mal-konvenut Harold Vella, tant li l-minuri, Josef huwa t-tieni wild li twieled mir-relazzjoni ta’ bejn il-konvenuta u l-attur. Dan kollu jwasslu ghall-konvinciment necessarju ghal din il-Qorti, sabiex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha, li jwasslu sabiex jintlaqghu it-talbiet attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghalhekk li l-konvenuta Miriam Vella telqet mid-dar matrimonjali, u cjoe` minn mal-konvenut l-iehor fi Frar 1996 minhabba nkwiet maritali. Fl-istess zmien hija ltaqghet ma’ l-attur u mir-relazzjoni ta’ bejniethom twieldet tarbija bl-isem ta’ Michelle, f’Awissu 1997. Din it-tarbija giet sussegwentement dikjarata bhala il-wild naturali ta’ l-istess attur b’sentenza tal-Qorti tal-21 ta’ April 1999 fl-ismijiet **“Michael Baldacchino vs Avukat**

**Dottor Joseph Bonello et nomine”** (N.A.). F’Lulju ta’ l-istess sena, l-konvenuta ndunat li regghet harget tqila u f’Marzu tas-sena 2000 kellha tifel, Josef, mill-istess relazzjoni li kellha u ghad ghandha ma’ l-attur. Dan it-tifel twieled erba’ snin wara li l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali. Peress li l-konvenuta ma kenitx legalment separata minn ma’ zewgha, il-minuri, Josef, gie registrat bhala wild il-konvenut Harold Vella.

Illi ineffetti minn dan il-kaz, jirrizulta li l-istess minuri dejjem gie ttattat bhala iben l-attur, u fil-fatt jghix ma’ l-istess attur. Ghalhekk certament li l-pussess ta’ stat ta’ iben legittimu ma jinkorrix f’dan il-kaz, ghar-rigward ta’ l-istess minuri. (**“Doris Grech vs Joseph Bugeja et”** - FGC 27 ta’Novembru 1998).

Illi apparti dan kif inghad jirrizulta li l-konnessjoni tal-konvenuta ma’ zewgha kienu ilhom li inqatghu mis-sena 1996, u fil-fil-fatt hija dejjem ghexet ma’ l-attur u frott ta’ l-istess relazzjoni kien hemm zewg ulied, wiehed minnhom dak li dwaru hemm il-kawza odjerna u allura l-impossibilita’ fizika tezisti ukoll fit-termini tal-ligi.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fid-dawl ta’ dawn il-principji u fatti, fuq ammissjoni tal-konvenuta u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma’ dak premess, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

(3) Tiddikjara illi ai finijiet u effetti kollha tal-ligi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Josef Vella.

(4) Tordna lill-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jamenda l-att tat-twelid ta’ Josef Vella billi:-

i) fejn jidher isem missier it-tarbija dan ghandu jigi sostitwit u mbiddel f’”Michael Baldacchino”,

ii) fejn hemm imnizzel il-post tat-twelid ta' missier it-tarbija dan ghandu jigi sostitwit u mbiddel f'"Pieta`" u

iii) fejn hemm imnizzel id-dettalji tan-nannu patern tat-tarbija, minflok il-kliem "Joseph Vella (dead)" jitnizzlu l-kliem "Alfred Baldacchino (haj)"; jsiru dawk il-korrezzjonijiet l-ohra kollha sabiex isem Harold Vella ma jibqax jigi indikat bhala l-missier ta' l-istess minuri, u ghalhekk kull riferenza ghalih u ghad-dettalji tieghu ghandha tigi kkancellata u sostitwita minflok bl-isem u d-dettalji kollha ta' l-attur Michael Baldacchino, bin Alfred u Mary nee' Cutajar, imwieled Pieta' u residenti Hal Kirkop, li kellu sebgha u tletin (37) sena meta twieldet l-istess tarbija.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur u l-konvenuta Miriam Vella, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------